MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2005

Talba Numru. 844/2004

**Carmvic Buontempo u CVB Services Limited**
**vs**
**Carmel Bianco u George Galea**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta' April, 2004, fejn intalab il-hlas ta' disa' mija u sittin lira Maltija (Lm960.00), danni kkagunati mill-konvenuti fil-vettura Alfa Romeo, numru CVB-156, meta l-konvenuti kkawzaw incident tat-traffiku fl-4 ta' Lulju, 2001 u li sehh unikament b'responsabbilta' u htija tal-konvenuti meta dawn injoraw sinjali tat-traffiku u habtu fil-vettura tal-attur fuq indikata, bil-vettura taghhom Renault numru FBB-604, u kkagunaw danni fl-ammont ta' disa' mija u sittin lira Maltin (Lm960.00).**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ta' Gunju, 2003.**

**Ra r-risposta tal-konvenuti prezentata fl-10 ta' Mejju, 2004, fejn gie eccepit :**
**Preliminarjament illi l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2153 tal-kap.16 ;**
**Illi bla pregudizzju ghall-premess l-pretenzjonijiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvenut Carmel Bianco ma kellu ebda tort ghall-incident in kwistjoni.**
**Illi bla pregudizzju ghall-premess fi kwalunkwe kaz l-ammont pretiz huwa eccessiv.**

**Semgha x-xhieda ta' Carmvic Buontempo. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra :**
**1. Dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kap.16, cioe` bid-dekors ta' sentejn, jirrizulta li l-incident sehh fl-4 ta' Lulju, 2001, u li giet prezentata ittra ufficjali f'Gunju, 2003, notifikata fl-istess xahar, li interrompiet l-perjodu preskrittiv. Ghalhekk ma hemmx lok li tigi milqugha din l-eccezzjoni.**

**2. Ra l-kapitolu prezentat mill-atturi fil-25 ta' Mejju, 2005 ghas-subizzjoni tal-konvenuti. Ra li l-konvenuti baqghu ma dehrux.**
**3. Semgha x-xhieda ta' Carmvic Buontempo li kkonferma li l-vettura li dahlet fih kienet misjuqa minn Carmel Bianco.**
**4. Jirrizulta li l-attur kien qed idur mar-roundabout fi Triq Dun Karm, Birkirkara, biex imur fid-direzzjoni ta' Triq Tumas Fenech. Il-konvenut gie fuqu fsalt mid-direzzjoni tal-Msida u ma waqafx jew naqqas fil-velocita` meta wasal ghal « give way sign ». Ghalhekk il-konvenut huwa responsabbli ghall-eventwali kollizzjoni li sehhet ghax dan kien fid-dmir li jieqaf u jhares u mhux jibqa' hiereg kif fil-fatt ghamel.**
**5. Id-danni li garrab l-attur jinsabu konfermati fl-ammont mitlub.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kap.16, qed jillibera lill-konvenut George Galea mill-osservanza tal-gudizzju, u jilqa' t-talba attrici fil-konfront ta' Carmel Bianco u jikkundanna lill-konvenut Carmel Bianco ihallas lill-atturi s-somma ta' disa' mija u sittin lira Maltija (Lm960.00).**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ta' Gunju, 2003, ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenut Carmel Bianco, filwaqt li l-ispejjez tal-konvenut George Galea ghandhom jigu sopportati mill-atturi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------